**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**15 ta' April 2019**

**Rikors Numru 45/2017**

**Motor Tests Services Limited u Anne Marie Grech**
**Vs**

**Transport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Motor Tests Services Limited u Anne Marie Grech** fi-28 ta' Awwissu 2017 li permezz tieghu ppremettew is-segwenti:

*"Illi l-esponenti ghandhom koncess lilhom permess ta' operatur ai termini tal-legislazzjoni sussisjarja 65.15 u cioe Motor Vehicle Roadworthiness Tests Regulations;*

*Illi permezz ta' ittra mibghuta minn l-intimati datata 21 ta' Awwissu 2017, intqal lill-esponenti li minhabba infrazzjoni li kien ghamel certu Michael Cahill fuq vettura numru ABU-815, l-esponenti kienet qed tigi kkundannata penali ta' elf punt [1000] u multa addizzjonali ta' hdax-il elf euro [11,000];*

*Illi jinghad ghall-finijiet ta' kjarezza li l-imsemmi Cahill kien 'tester' ai termini tal-legislazzjoni msemmija addett mas-socjeta' esponenti;*

*Illi minhabba dak kontenut fl-ittra msemmija Cahill kien investigat u akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Illi Cahill kien misjub hati ta' xi akkuzi dedotti kontra tieghu;*

*Illi bid-dovut rispett, l-esponenti rikorrenti tikkontendi li hija assolutament ma ghandha x'taqsam xejn mal-attivita' kriminuza tal-imsemmi Cahill u ma huwiex korrett li wara li ttiehdet azzjoni kontra l-imsemmi 'tester' spiccat biex ittiehdet sanzjoni kbira kontra r-rikorrenti meta hija kienet totalment estranja ghall-attivita' kriminuza msemmija u dana kif ser jirrizulta ampjament waqt is-smiegh ta' dan l-umli rikors;*

*Illi minghajr pregudizzju ghal dan l-esponenti thoss ukoll li s-sanzjoni fuqha ordnata kienet wahda esagerata u li ttiehdet minghajr ma l-intimati semghu l-verzjoni tal-esponenti rikorrenti;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti qed titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 15 tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex joghgbu:-*

*1. Thassar u tirrevoka kompletament is-sanzjoni imposta minn l-intimati kontra r-rikorrenti meta fl-ittra lilha mibghuta datata 21 ta' Awwissu 2017 hija giet kkundannata 1000 punt u multa ta' hdax-il elf Euro minhabba allegat ksur ta' regolamenti taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 fuq vettura ABU-815 u dana minhabba r-ragunijiet moghtija f'dana l-umli rikors;*

*2. Minghajr pregudizzju u f'kaz li l-ewwel talba f'pessima ipotesi ma tigix akkolta li s-sanzjoni imposta tigi ridotta ghal wahda anqas harxa fic-cirkostanzi."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** datata 7 ta' Settembru 2017 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

*"1. Illi l-appell interpost huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bl-ispejjez stante li d-decizjoni moghtija mill-Awtorita' appellata hija wahda gusta, korretta u konformi mal-ligi.*

*2. Illi bid-dovut rispett il-funzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal huwa biex jiddeciedi jekk decizjoni moghtija minn awtorita' pubblika - f'dan il-kaz Transport Malta - hija korretta u konformi mal-ligi. Dan l-Onorabbli Tribunal mhuwiex vestit bil-poter, li bil-ligi taghna huwa rizervat lill-qorti vestita b'gurisdizzjoni kostituzzjonali, biex jissindika jekk ligi hija gusta o meno. Ghaldaqstant dak li jrid jigi deciz fil-kaz odjern huwa jekk id-decizjoni mehuda mill-appellata Transport Malta hija korretta u konformi mal-ligi, u gjaladarba jirrizulta ampjament illi fil-fatt tali decizjoni hija korretta u konformi mal-ligi ebda indagini ohra m'ghandha ssir.*

*3. Illi l-fatt tal-kaz, fis-semplicita taghhom huma s-segwenti -:*

*L-appellanti ghandha licenzja ta' operatur sabiex topera l-istazzjoni tal-VRT fl-istabbiliment 50, Qasam Industrijali, Luqa;*

*L-imsemmi Michael Cahill kien impjegat fl-imsemmi stazzjon tal-VRT u kien jaghmel xoghol ta' tester bis-sahha ta' licenzja ta' tester lilu mahruga mill-Awtorita' appellata;*

*Jirrizulta illi fit-23 ta' Jannar, 2017 mill-istazzjon tal-VRT illi ghalih l-appellanti ghandha licenzja ta' Operatur, inhareg passed test result ghall-vettura bin-numru ta' registrazzjoni 'ABU-815' minghajr biss ma sar VRT test fuqha;*
*Konsegwentement huma applikabbli fil-konfront tal-appellanti s-sazjonijiet mahsuba fl-entrata numru 93 tat-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, u cioe' elf (1,000) punt u multa amministrattiva ta' hdax-il elf Ewro (€11,000) a tenur tar-Regolament 21(3) u (4) tal-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja 65.15.*

*4. Illi ghaldaqstant id-decizjoni tal-Awtorita' appellata hija wahda gusta, korretta u skont il-ligi u dan l-Onorabbli Tribunal, una volta stabbilit dan il-fatt, la ghandu jirrevoka tali decizjoni u lanqas ma jista' (kif qed jigi mitlub in linea sussidjarja) jimponi xi piena inqas 'harxa' minn dik stabbilita fil-ligi."*

Sema' x-xhieda;

Ra l-affidavit tal-ufficjali tal-Awtorita` intimata;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassewhom aggravati b'decizjoni tal-Awtorita` intimata kontenuta f'ittra datata 21 ta' Awwissu 2017 li permezz taghha r-rikorrenti Grech giet mgharrfa illi l-Awtorita` intimata kien irrizultalha illi fit-23 ta' Jannar 2017 vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABU 815 kien inhargilha *pass* ta' test tal-VRT minghajr ma din il-vettura kienet fil-fatt ghamlet l-istess test. L-Awtorita` intimata rrizultalha wkoll illi certu Michael Cahill, li kien impjegat bhala *tester* mar-rikorrenti kien hareg l-istess certifikat. L-istess ittra infurmatha wkoll illi meta sar *re-test* fil-presenza tal-Pulizija u ta' ufficjali ta' Transport Malta, il-vettura in kwistjoni kellha diversi irregolaritajiet u cioe`:

- *Right steering tie rod having excess wear*
- *Rear number plate light cover missing*
- *Rear right bumper trim missing (sharp edges)*
- *Rear left tyre worn out and damages (large budge)*
- *Right tyre bald*
- *Speedo not functioning*

Iktar minn hekk, meta t-*tester* Cahill gie mitlub jipproduci r-rapport tat-test originali dan ma pproducihx u rrizulta li ma kien hemm l-ebda rekord tal-istess test fil-VRT *station*.

In vista ta' dan ir-rikorrenti gew infurmati li l-Awtorita` intimata kienet qieghda timponi fuqha *qua* operatur elf (1000) punt penali u wkoll multa ta' hdax-il elf ewro (€11,000) ghan-nuqqas riskontrat.

**Ir-rikorrenti Grech** xehdet illi hija sid il-Kumpanija Motor Tests Services Limited u li Michael Cahill kien impjegat maghha bhala *tester*. Tispjega li fil-fehma taghha hija ma ghandha l-ebda responsabbilita` izda li r-responsabbilita` hija tal-impjegati taghha ghax hi ma tifhem xejn fir-rigward ta' testijiet. Spjegat illi hija kienet taghti l-istruzzjonijiet lill-impjegati taghha li jekk ikollhom xi problema icemplu lill-Awtorita` intimata. Mistoqsija mid-difensur tal-Awtorita` intimata jekk kinitx ghamlet xi *due diligence* fuq Michael Cahill, ir-rikorrenti wiegbet li Cahill kien gie minn stazzjon iehor tal-VRT.

**Joe Mifsud**, *Techical Manager* mal-Awtorita` intimata, spjega illi kienu gew mgharrfa mill-Ispettur Sergio Pisani li fit-23 ta' Jannar 2017 vettura bin-numru ta' registrazzjni ABU 815 kienet ghaddiet mit-test tal-VRT minghajr ma kienet giet ittestjata. Ghalhekk huwa, flimkien ma' ufficjal iehor, marru jispezzjonaw l-istess vettura u nnuaw minnufhom illi kien fiha bosta nuqqasijiet u ghalhekk gie deciz li jsirilha *retest* mit-*tester* Michael Cahill li kien hareg ic-certifikat ta' *pass*.

**George Farrugia**, *Principal Technical Officer* mal-Awtorita` intimata, spjega illi wara informazzjoni li rcevew mill-Ispettur Sergio Pisani dwar vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABU 815 li kienet ghaddiet mill-VRT test minghajr ma giet ittestjata, huma ezaminaw l-istess vettura fejn irrizultalhom li kellha bosta nuqqasijiet. Ghalhekk fit-30 ta' Jannar 2017 sar *retest* mit-tester li kien hareg ic-certifikat ta' *pass,* u cioe` Michael Cahill, fejn il-vettura in kwistjoni m'ghaddietx mit-test. Dan it-test sar fil-presenza ta' zewg ufficjali ohra tal-Awtorita` intimata u cioe` EO 220 Charles Valletta u EO 217 Vince Micallef.

**L-Ispettur Sergio Pisani** spjega li kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra certu Jean Claude Seisun, li kien *helper* fl-istazzjoni in kwistjoni, li nstab hati tar-reat ta' *trading in influence,* falsifikazzjoni u ta' ghoti ta' taghrif falz lil awtorita` pubblika. Seisun ammetta ghal dawn ir-reati. Fir-rigward ta' Michael Cahill il-proceduri kriminali relatati mal-kaz tal-allegat nuqqas tieghu bhala *tester* kienu ghadhom pendenti.

**Ikkunsidra:**

Illi dwar il-fatt li sar inhareg certifikat ta' *pass* tal-VRT mill-istazzjon in kwistjoni meta fil-verita` it-test qatt ma kien sar, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Dak li qieghed jigi kontestat huwa jekk ir-rikorrenti *qua* operatur tal-istazzjon tal-VRT hijiex responsabbli ghall-agir abbuziv li wettaq it-*tester* Michael Cahill.

Ir-rikorrenti Grech tishaq illi hija ma kienet taf b'xejn dwar il-fatt li Cahill ghadda l-vettura in kwistjoni mit-test tal-VRT meta lanqas biss kienet giet sottomessa ghall-istess test.

Illi operatur ta' stazzjon tal-VRT ghandu diversi obbligi ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 (Regolamenti dwar testijiet biex jiccerifikaw li vetturi bil-mutur huma tajba ghat-triq). Ai termini tar-Regolament 10 tac-citati Regolamenti :

*"(1) Meta l-Awtorità tawtorizza lil xi applikant biex jagħmilha ta' operatur ta' stazzjon għat-testijiet tal-vetturi, għandu jħallas għal dik l-awtorizzazzjoni dritt annwali ta' ħames mija tnejn u tmenin euro (€582) għal kull stazzjon ta' testijiet u l-operatur għandu jħares il-kundizzjonijiet li ġejjin:*

***(a) l-operatur għandu jkun kompletament responsabbli għall-proċeduri kollha ta' testijiet li jsiru fl-istazzjon;***

....

***(j) l-operatur għandu josserva f'kull ħin ir-regolamenti u standards dwar it-testijiet tal-vetturi biex jiżguraw li dawn huma tajba għat-triq skont dawn ir-regolamenti, u approvati mill-Awtorità;***

....

***(r) l-operatur m'għandu, taħt l-ebda ċirkustanza, joħroġ riżultat pożittiv ta' test akemm ma jkunx sar test komplet u l-oġġetti***

***kollha li kellhom jiġu ttestjati jkunu konformi mal-kundizzjonijiet u standards meħtieġa taħt dawn ir-regolamenti, jew ta' test magħmul mill-ġdid sakemm dak it-test ma jkunx komplet u l-persuna li tagħmel it-testijiet fuq il-vetturi ma tikkonfermax li t-tiswijiet meħtieġa jkunu saru;"***

Ksur ta' dawn l-obbligi, fost ohrajn, jattira mieghu punti penali u multi amministrattivi skond kif elenkat f'Regolament 21:

*"(1) **Operatur li jonqos li jħares il-kondizzjonijiet ta' kuntratt għall-operaturi taħt dawn ir-regolamenti** u persuna li tittestja li tonqos milli tħares il-kondizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti għall-persuni li jkollhom liċenza biex jittestjaw, **ikunu qed jikkontravjenu l-kondizzjonijiet imsemmija u jeħlu l-punti ta' penalità u l-multi amministrattivi mniżżla fit-Tnax-il Skeda.***

*(2) **Meta operatur jonqos milli jħares il-kondizzjonijiet stabbiliti għall-operaturi taħt dawn ir-regolamenti** u meta persuna li tittestja tonqos milli tħares il-kondizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti għall-persuni li jkollhom liċenza biex jittestjaw, **l-Awtorità għandha tagħti lill-operatur** jew lill-persuna li tittestja, **skont ma jkun il-każ, avviż bil-miktub li jkun jispeċifika l-ksur tal-kondizzjonijiet, in-numru adatt ta' punti ta' penalità li jkunu ser jitnaqqsu lill-operatur jew lill-persuna li tittestja, il-multa amministrattva li tkun ser tiġi imposta fir-rigward ta' vjolazzjonijiet imwettqa mill-operatur, u l-perjodu li fih għandha tiġi mħallsa l-multa amministrattiva skont is-subregolament (5). L-avviż għandu jgħid ukoll li n-nuqqas ta' ħlas tal-multa fil-perjodu msemmi jwassal għas-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni ta' operatur u għall-impożizzjoni ta' multa kuljum skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (7)."***

Illi t-Tnax-il Skeda msemmija hawn fuq telenka ghadd ta' nuqqasijiet li taghhom jistghu jinstabu hatja l-operatur u/jew it-*tester.* Kull kontravvenzjoni ggorr maghha punti ta' penalita` u li skond Regolament 21 (4) kull punt ta' penalita` li jigi mpost fuq operatur jissarraf f'multa amministrattiva ta' ħdax-il euro (€11).

Kwindi l-Awtorita` intimata applikat Partita 93 tat-Tnax-il Skeda li timponi elf (1000) punt ta' penalita` ghal operatur li johrog riżultat pożittiv ta' test, jew mingħajr ma wettaq it-test komplet, jew fejn kellu jinhareġ riżultat li juri li t-test falla. L-istess ammont ta'punti jigu imposti fuq it-*tester*. Illi t-Tribunal josserva illi l-punti ta' penalita` huma maqsumin fuq zewg kolonni, wahda ghat-*testers* u wahda ghall-operatur. Uhud mill-punti ta' penalita` japplikaw biss ghat-*testers,* uhud kemm ghat-*testers* u kemm ghall-operatur, u ohrajn esklussivament ghall-operatur. Kwindi l-legislatur, meta fformula dawn ir-Regolamenti hass li kellu jiddistingwi bejn certu nuqqasijiet li kien jahti ghalihom esklussivament it-*tester* jew l-operatur, u certi nuqqasijiet li huma imputabbli kemm lit-*tester* u kemm lill-operatur. Fil-kaz odjern, il-legislatur hass illi nuqqas fejn jinhareg certifikat ta' *pass* minghajr lanqas biss ikun sar it-test huwa imputabbli kemm lit-*tester* u kemm lill-operatur.

Illi r-Regolamenti ma jiddistingwux bejn kazijiet fejn l-opertur kien jaf li fil-fatt inhareg pass minghajr ma sar it-test, u kazijiet fejn l-istess operatur ma kienx jaf. Dan ghaliex l-operatur huwa **kompletament responsabbli għall-proċeduri kollha ta' testijiet li jsiru fl-istazzjon.** It-Tribunal jifhem illi din hija responabbilita` kbira u oneruza u ghalhekk operatur irid jezercita dik id-diligenza necessarja sabiex jara li kollox jimxi kif suppost. Minn dak li stqarret ir-rikorrenti Grech ma jirrizultax illi hija ezercitat dik id-diligenza kollha possibbli biex dan isir. Fi kliemha stess hija ma tantx kienet tqatta' hin fl-istazzjon u ma kienet thalli wisq f'idejn l-impjegati taghha. Ir-rikorrenti Grech forsi kienet taht l-impressjoni li bhala operatur hija ma kellha l-ebda obbligi legali vis-à-vis l-hrug ta' kull certifikat li johorgu l-impjegati taghha. Dan ma hux il-kaz. Jirrizulta illi s-sistema li r-rikorrenti Grech kienet tmexxi n-negozju taghha biha kienet pjuttost wahda laxka u minghajr supervizjoni tal-operat, u ghalkemm m'hemm l-ebda prova illi hija kellha xi involviment dirett f'dak li wettaq it-*tester* Michael Cahill, dan ma jezonerahiex mill-obbligi taghha *qua* operatur. Stazzjon ta' VRT ma tistghax tiggestih bhal xi *cafeteria* u tmur biss filghaxija jew l-ghada tigbor l-introjtu. L-obbligi huma iktar oneruzi ghax hawn si tratta ta' kwistjoni ta' sigurta` tal-vetturi fit-toroq u wkoll dwar l-inkoluminita` tal-persuni li jsuqu l-istess vetturi u terzi.

Illi rinfaccjata bil-fatti kif spjegati iktar 'il fuq, l-Awtorita` intimata imxiet ma dak li tirrikjedi l-ligi. Imponiet punti ta' penalita` u multa amministrativa

skond kif jiddettaw l-istess Regolamenti. Fid-decizjoni taghha kwazi kwazi jista' jinghad li ma kellha l-ebda forma ta' diskrezzjoni ghaliex il-punti ta' penalita` u l-multa relattiva huma tassattivi li jigu mposti fuq operatur li jikser l-obbligi tieghu fir-rigward ta' kaz bhal dak in ezami.

Ghalhekk filwaqt li t-Tribunal jista' jifhem il-pregudizzju li sofrew ir-rikorrenti ma jsib xejn x'jiccensura mid-decizjoni tal-Awtorita` intimata u ghaldaqstant qieghed jikkonfermaha.

**Decide**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

___________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**